

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2015/1128

tas-7 ta' Lulju 2015

**dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) (EU BAM Rafah/1/2015)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/889/PESK tat-12 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah, EU BAM Rafah <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(1) tagħha,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 10(1) tal-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà hu awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat, sabiex jieħdu d-deċiżjonijiet rilevanti għall-fini tal-eżerċizzju tal-kontroll politiku u tat-tmexxija strateġika tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah), inkluż b'mod partikolari d-deċiżjoni li jinħatar Kap tal-Missjoni.
- (2) Fid-29 ta' Mejju 2015, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ppropona l-ħatra tas-Sinjura Natalina CEA bħala Kap tal-Missjoni tal-Missjoni EU BAM Rafah mill-1 ta' Lulju 2015 sat-30 ta' Ġunju 2016.
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1065 <sup>(2)</sup> estendiet il-mandat ta' EU BAM Rafah sat-30 ta' Ġunju 2016,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Is-Sinjura Natalina CEA hija b'dan maħtura bħala Kap tal-Missjoni tal-EU BAM Rafah għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2015 sat-30 ta' Ġunju 2016.

### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2015.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Lulju 2015.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

W. STEVENS

<sup>(1)</sup> ĠUL 327, 14.12.2005, p. 28.

<sup>(2)</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1065 tat-2 ta' Lulju 2015 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK dwar l-istabbiliment ta' Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) (ĠUL 174, 3.7.2015, p. 23).